SAN GILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 04/K5/05

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 28/06/'05 193**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 28/06/'05 246**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar it-Tlieta 28 ta' Ġunju 2005.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.00 p.m.

1.03 Preżenti: Is-Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Kien hemm preżenti wkoll l-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani.

1.05 Preżenza tal-pubbliku: 1

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fil-22 ta' Ġunju 2005. L-Aġenda kienet hekk:-

2. Approvazzjoni ta' Minuti
3. Korrispondenza
3. Financial Statements
4. Mozzjoni Nru. 1/05
5. Bring In Sites
6. Żvilupp Polza ta' Assigurazzjoni
7. Żvilupp Residents' Parking Scheme
8. Embellishment Park Towers Square
9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet
10. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

## 1.3 Approvazzjoni ta' Minuti

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 3/K5/05 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Karl Gouder ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti 3/K5/05.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma: -

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 2112, 2596 & 2706 | Ittri mingħand Daritama rigward maratona ta' qdif b'risq il-Fondazzjoni Daritama. |
| 2361, 2479 & K630 | Ittra mingħand il-Millenium Chapel, e-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u risposta tal-Kunsill rigward l-użu tal-Millenium Chapel. |
| 2452 | Stima mingħand l-Ozosystems rigward tneħħija ta' chewing gum fil-Pjazza tal-Balluta. |
| 2754 & 2802 | Memo mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali u e-mail mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward Mistoqsija Parlamentari Nru. 8875 |
| 2799 & K574 | Ittra li bagħat il-Kunsill u risposta mingħand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar rigward il-Proġett ta' Ta' Ġiorni. |
| 2767 | Ittra mingħand Ta' Ġiorni Wolves F.C. rigward football training grounds. |
| 2786 | Ittra mingħand is-Sur George Vassallo rigward ħsarat lir-residenza nru. 95, meta il-Kunsill kien qiegħed jagħmel ix-xogħolijiet fi Triq Ta' Ġiorni. |

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi: -**

2.02 Rif. Nri. 2112, 2596 u 2706

B'riferenza għall-ittri mingħand Daritama rigward maratona ta' qdif b'risq il-Fondazzjoni Daritama ġie deċiż unanimament li tingħata donazzjoni ta' Lm20.

2.03 Rif. Nru. 2452

B'riferenza għall-istima mingħand l-Ozosystems rigward tneħħija ta' chewing gum fil-Pjazza tal-Balluta ġie deċiż unanimament illi jidher avviż fil-Gazzetta tal-Gvern biex jinġabru kwotazzjonijiet u li dan ix-xogħol isir wara l-festa.

2.04 Rif. Nru.2767

B'riferenza għall-ittra mingħand Ta' Ġiorni Wolves F.C. ġie deċiż unanimament li għalissa ma tittieħedx deċiżjoni.

2.02 Rif. Nri. 2799 u K574

Saret riferenza għall-ittra li bagħat il-Kunsill u risposta mingħand id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar rigward il-Proġett ta' Ta' Ġiorni.
Wara diskussjoni l-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill li l-M.F.A. għandhom skeda permezz ta' fondi mill-U.E.F.A., li jekk jkun hemm ground li jkollu s-sodda tal-konkos lest, l-M.F.A. tipprovdi b'xejn in-netting u t-turf.

2.05 Ġie deċiż unanimament li:-

- ✓ l-Kunsillier David Borg jieħu ħsieb li jagħmel kuntatt mal-U.E.F.A. sabiex jara kif inhi l-proċedura biex il-Kunsill ikun jista jibbenefika minn din l-offerta.
- ✓ Il-Kunsilliera Irene Borg iġġib aktar informazzjoni dwar din l-iskema.

2.07 Rif. Nru. 2786

B'riferenza għall-ittra mingħand is-Sur George Vassallo, iċ-Chairman informa lill-Kunsill li minn 'site inspection' li għamel jidher li l-ħsara li saret ma kienetx ikkaġunata minn nuqqas ta' attenzjoni min-naħa tal-kuntrattur iżda minħabba 'l mod kif kien magħmul ix-xogħol.
Wara diskussjoni qasira l-Kunsill qabel unanimament li għal dan il-każ jitħallas l-ammont ta' Lm30.

## 3. Financial Statements

3.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-Financial Statements wara li saru l-Audit Adjustments (Ara Appendiċi 'A').

3.02 L-Accountant tal-Kunsill is-Sur Louis Padovani ta spjegazzjoni ta' l-aġġustamenti li saru u spjega li skond il-proċeduri huwa l-obbligu tal-Kunsill li jerġa' japprova l-financial statements wara li jkunu saru l-audit adjustments.

3.03 Wara diskussjoni qasira l-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvażjoni tal-Financial Statements kif emendati.

3.04 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondaha.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4. Mozzjoni Nru. 1/05**

4.01 Iċ-Chairman poġġa għad-diskussjoni l-mozzjoni nru. 1/05 mressqa mill-Kunsillier Robert Camenzuli u ssekondata mis-Sindku Peter Bonello u l-Kunsillier Richard Scicluna dwar tibdil ta' isem Triq Mikelangelo Borg għal Triq il-Papa Ġwanni Pawlu II (Ara Appendiċi 'B').

4.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ta spjegazzjoni għal din il-mozzjoni.

4.03 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li qabel tittieħed deċiżjoni l-Kunsillier Richard Scicluna jagħmel riċerka dwar min kien Mikelangelo Borg.

**5. Bring In Sites**

5.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja ta' ittra li rċieva mingħand il-WasteServ Malta Ltd kif ukoll bid-deċiżjoni li kienet ittieħdet fil-Minuti 8/K4/02 (Ara Appendiċi 'Ċ').

5.02 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni li diġa saru tlett bring-in sites fil-lokalita'. Dawn qegħdin:-

- ✓ Fil-Pjazza Spinola ħdejn it-Tigullio car park – (above ground)
- ✓ Triq Elija Zammit in-naħa tal-Posta - (underground)
- ✓ Il-Bajja ta' San Ġorġ mal-ħajt ta' Villa Rosa - (underground)

5.03 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li mad-deċiżjoni li kienet ittieħdet fil-Minuti 8/K4/02 jiġu ssuġġeriti dawn il-postijiet:-

- ✓ Triq Qalb Imqaddsa ħdejn l-iskola ta' Sacred Heart
- ✓ Il-Pjazza tal-Balluta
- ✓ Triq Birkirkara ftit il-fuq mill-Joem Petrol Station.

5.04 Ġie deċiż ukoll sabiex jintalab li l-Bring-In-Sites f'San Ġiljan ikunu underground minħabba li huwa post turistiku.

**6. Żvilupp Polza ta' Assigurazzjoni**

6.01 Il-Kunsill ġie pprezentat b'kopja tal-kwotazzjonijiet (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Iċ-Chairman ġibed l-attenzjoni illi l-Island Insurance Brokers infurmaw lill-Kunsill ( rif. Inc. 2764 / 05) li l-Atlas Insurance Ltd ma kienux ser

jaċċettaw li jġeddu aktar il-polza ta' l-assigurazzjoni wara l-aħħar ta' Ġunju 2005 jekk ma jsirx ir-renewal skond il-korrispondenza (inc.ref.) 1308/05.

6.03 Il-kelliem ġibed l-attenzjoni ukoll għall-fatt li l-Kunsill ma jistax ma jkollux polza ta' assigurazzjoni, għalhekk wara li il-Kunsill evalwa l-kwotazzjonijiet ta' l-Island Insurance Brokers Limited u tal-Peak Insurance Brokers Ltd. u ħa f'konsiderazzjoni n-nefqa li kellha tingħażel il-kwotazzjoni ta' l-Island Insurance Brokers Limited, ġie deċiż unanimament li tiġi aċċettata option A tal-kwotazzjoni tal-Peak Insurance Brokers għal sena u li għandu jerġa jintalab direttiva mill-AKL.

6.04 Is-Segretarju Eżekuttiv għarrfet lill-Kunsill li għandhom jiġu osservati il-proċeduri finanzjarji, madankollu l-Kunsill insista li minħabba n-natura tal-materja għandha ssir il-polza ta' l-assigurazzjoni mal-Peak Insurance Brokers Ltd. b'effett mill-1 ta' Lulju 2005.

6.05 Fir-rigward tar-refund tad-discount li l-Kunsill kien ingħata dawn l-aħħar sentejn fuq *' 3 Year Long Term Agreement discount of 5% valid up to 31/03/06'* (Rif. Inc. 1308) ġie deċiż unanimament li dan ma jingħatax lura minħabba li min-naħa ta' l-assigurazzjoni nbidlu l-kundizzjonijiet.

## 7. Żvilupp Residents' Parking Scheme

7.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat b'kopja tal-minuti li ttieħdu waqt laqgħa li saret fl-uffiċċju tat-Traffic Management Directorate nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2005 (Ara Appendiċi 'E') u ġie nfurmat li l-laqgħa għar-residenti ser issir nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju 2005 fis-sala tal-WOW – Paceville, fis- 6.p.m.

7.02 Tqajjem il-punt li Pender Place u Mercury House ser jiġu żviluppati. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat ittra lill-MEPA, lill-Ministeru tat-Trasport, lill-MIMCOL (Malta Investment Management Co. Limited) u lill-ADT sabiex l-iżviluppaturi ta' Pender Place u Mercury House jiġu marbuta biex jiġi żviluppat parkeġġ adekwat għall-area.

7.03 Iċ-Chairman għarraf lill-Kunsill li taħt il-Pjazza ta' Balluta hemm fejn isir Car Park u huwa lest li jiltaqa' ma' min huwa nkarigat.

7.04 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

7.05 Ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex il-biċċa art li hemm ħdejn il-Westin Dragonara Resort kif ukoll l-area ta' ħdejn it-Tigullio fejn isir il-parking jiġu devoluti lill-Kunsill sabiex jiġu żviluppati għal parkeġġ ikkontrollat.

**8. Embellishment tal-Pjazza Ġużi Tanti ħdejn il-Park Towers**

8.01 Tpoġġiet għad-diskussjoni l-pjanta ta' l-embellishment li ser jsir fil-Pjazza Ġuiżi Tanti (ħdejn il-Park Towers) min-naħa ta' l-MTA . (Ara Appendiċi 'F').

8.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għall-iżvilupp kif propost.

**9. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-Kontijiet**

9.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ġ').

9.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

9.03 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondaha.

9.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

8.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1846 sa 1877 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'Ħ').

8.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn 1846 sa 1877.

8.03 Il-Kunsillier David Borg issekondah.

8.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**9. Materji Oħra**

9.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

9.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

9.03 Is-Sindku Peter Bonello għamel riferenza għall-proġett Kuridur Ekoloġiku Ta' Ġiorni u għarraf lill-Kunsill illi skond ir-records li għandu l-Kunsill l-applikazzjonijiet biex isir il-proġett kienu saru qabel ġiet fis-seħħ id-devoluzzjoni ta' l-art, għaldaqstant il-Kunsill m'għandux informazzjoni dwar it-titolu legali ta' l-art. Madankollu l-Kunsill għandu jikkunsidra jekk tiġix iffirmata l-applikazzjoni ta' l-Enemalta biex jingħata l-provista tad-dawl fil-ġnien.

9.04 Wara diskusjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jerfa r-responsabilitajiet kollha u tiġi iffirmata l-applikazzjoni ta' l-Enemalta u li tintbagħat ittra lid-Direttur tal-Gvern Lokali sabiex:-

- ✓ il-Kunsill jiġi ggwidat dwar kif ser jkun jaf jekk għandux titolu legali ta' l-art
- ✓ x'għandu jagħmel il-Kunsill biex fil-futur jingħata finanzi ma' l-allokazzjoni tal-budget biex isir il-manutenzjoni tal-proġett.

9.05 Għandha tinġibed l-attenzjoni tal-Environmental Landscapes Consortium Ltd sabiex jinżergħu s-siġar fil-Ġnien Ta' Ġiorni.

9.06 Ġie deċiż unanimament li jittellgħu kuljum il-bnadar ta' San Ġiljan, ta' Malta u ta' l-Ewropa fil-Pjazza ta' Spinola, jiġi avviċinat is-Sur Carmelo Sciberras biex jagħmel dan ix-xogħol u jekk jaċċetta jingħata Lm60 kull tlett xhur għal dan is-servizz.

9.07 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li ġie avviċinat mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet sabiex il-Kunsill jikkunsidra li jipprovdi tmien (8) fanali oħra bħal dawk li diġa saru ma' l-embellishment fix-Xatt is-Sajjieda (Ref.– **Tender No. 5/04-05** ) biex jitkomplew mal-proġett filwaqt li x-xogħolijiet għat-twaħħil tagħhom ser isir għall-ispejjeż tad-Dipartiment.

9.08 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jipprovdi tmien (8) fanali oħra.

9.09 Iċ-Chairman għamel riferenza għax-xogħlijiet li qed isiru f'Telgħet San Ġiljan u nforma lill-Kunsill li l-kuntrattur tar-Road Servicing Ltd ġibidlu l-attenzjoni li jista jintuża tarmakk apposta minħabba li hija tela' qawwija iżda li hemm differenza fil-prezz ta' madwar Lm 5000.

9.10 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament li jintuża t-tarmakk li qed jiġi ssuġġerit u li jitħallas id-diferenza fil-prezz. Għalhekk ġie deċiż li l-għalissa l-proġett ta' l-embellishment tal-bandli ta' Triq Birkirkara ma jsirx u jitħalla 'on hold' biex jiġu utilizzati l-fondi li hemm allokati fuq dan il-proġett.

9.11 Iċ-Chairman Peter Bonello ġie skużat fit-7.50 p.m. filwaqt li l-Viċi Sindku Karl Gouder kompla jippresiedi l-laqgħa.

9.12 Il-Kunsilliera Irene Borg u Robert Camenzuli ġew skużati fit7.55 p.m.

9.13 Tqajjem il-punt li titneħħa l-karrozza abbandunata li hemm fi Triq Lapsi bin-numru tar-reġistrazzjoni BAG718 u dik fi Triq Diodorus Siculus bla numru ta' reġistrazzjoni.

9.14 Is-Segretarju Eżekuttiv informat lill-Kunsill li fuq waħda mill-vetturi hemm ammont sostazjali ta' ċitazzjonijiet għalhekk il-karozza ma tistax titneħħa.

9.15 Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jirrinunzja l-ammont dovut lilu mill-L.E.S. sabiex jittneħħew dawn il-vetturi.

9.16 Ġie deċiż li:

- ✓ tiġi nfurmata l-ADT dwar il-parking bay li saret fuq il-bankina ta' Triq Jean Houel mal-ġenb ta' blokk F sabiex tittieħed kull azzjoni neċessarja.

- ✓ jsir dawl adekwat fi:-
  - ❖ Triq Lapsi kantuniera ma' Wesgħa Savelli Agostino.
  - ❖ Triq Andre' Maurois kantuniera ma' Patrick Brydone.

- ✓ tintbgħat ittra lis-Supretendent ta' Għassa ta' San Ġiljan sabiex jibgħat għas-sid tal-workshop ta' l-Aluminium fi Triq il-Mensija biex jivverifika jekk id-daħla li hemm fejn il-garaxijiet ta' Terrazzo Court hiex privata jew le.

- ✓ jitpoġġa litter bin fi Triq San Ġorġ ħdejn l-Exchange Bureau tal-BOV.

- ✓ jsir rapport lill-pulizija li fin-naħa t'isfel ta' Triq Wilġa fuq il-blat tal-bajja ta' wara il-Hilton qed isiru ħafna abbużi.

- ✓ jsir tindif u qtugħ ta' ħaxix minn ħdejn The Palms sa ħejn Ta' Ġiorni.

9.17 Iċ-Chairman Karl Gouder għalaq il-laqgħa fit-8.20 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |